6 ta' Marzu, 1954

Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Alfredo Tonna *versus* Vincenza Borg

**Lokazzjoni — Titolu — Żgumbrament — Konkubinat.**

*Il-lokatur li jrid jiżgombra minn fond tiegħu, li huwa mikri, persuna li qiegħda tokkupa dak il-fond għax ġiet imdaħħla fih mill-inkwilin, ma jistax jaġixxi kontra dik il-persuna billi jallega li qiegħda tokkupa l-fond bla titolu. Dik il-persuna ma hix kompetenti biex tikkontesta kawża għar-riżoljiment tal-lokazzjoni li teżisti ta-*

*mor l-inkwilin; u sakemm ma tiġix xjolta l-lokazzjoni, l-inkwilin għandu d-dritt kollu jżomm u jippermetti lil dik il-persuna li tokkupa l-fond.*

*Jekk imbagħad dik il-persuna tkun tikkommora f'dak il-post bħala l-konkubina ta' l-inkwilin, dan il-fatt ma jibdel xejn affattu l-aspett ġuridiku tal-leġittimazzjoni passiva; iżda jista' jagħti lok għal kwistjoni oħra.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuta biex tiżgombra minn li store "Eddie", Melita Street angolu ma' Burials Street, Pawla, li hija użat għall-abitazzjoni, u li ġiet kundannata biex tiżgombra mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati fit-2 ta' Settembru 1953. Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Diċembru 1953, li biha t-talba ta' l-attur ġiet miċħuda, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta illi l-attur kera l-fond in kwistjoni lil Emmanuele Delia, u dana daħħal fil-post lill-konvenuta, li hija l-konkubina tiegħu. L-attur qatt ma rrikonoxxa lill-konvenuta bħala inkwilina, u qatt ma kellu rapporti magħha;

Illi għalhekk il-konvenuta ma hix l-inkwilina tal-post, u ma hix il-persuna kompetenti biex tikkontesta din il-kawża għax-xoljiment tal-lokazzjoni tal-fond li għandu Emmanuele Delia. Lanqas jista' jingħad li hija qiegħda tokkupa l-fond mingħajr titolu; għaliex, sakemm ma tiġix xjolta l-lokazzjoni ta' Delia, dan għandu d-dritt iżomm u jippermetti lill-konvenuta li tokkupa l-fond "de quo";

Illi għalhekk il-kawża odjerna kellha tal-volta ssir kontra l-imsemmi Delia, u biss wara li tkun spiċċat il-lokazzjoni ta' Delia jista' jingħad li l-konvenuta tkun intruża;

Illi għalhekk, "rebus sic stantibus", l-azzjoni ma tistax tiġi akkolta;

Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li għaliha ġiet l-Ewwel Qorti, għar-raġunijiet miġjubin fis-sentenza appellata, li

jiġu adottati. L-iskorrettezza tal-leġittimazzjoni passiva ta' l-azzjoni esperita ġiet mi-żjuda f'din is-sedi bil-fatt sopravvenut li, "pendente lite", l-attur irċieva minn għand l-inkwilin tiegħu Emmanuele Delia l-kera mis-7 ta' Ottubru 1953 sas-6 ta' Jannar 1954;

Iċ-ċirkustanza li l-konvenuta tikkommora fil-post "de quo" bħala l-konkubina ta' l-inkwilin ma tbiddelx affattu l-aspett ġuridiku tal-leġittimazzjoni, iżda tista' biss tagħti lok għal kwistjoni oħra li ma għandhiex x'taqsam ma' dan il-każ. Qalet sewwa l-Ewwel Qorti li lanqas jista' jitqies li l-azzjoni hi mpustata tajjeb kontra l-konvenuta bħala detentriċi tal-post bla titolu; għaliex sakemm il-lokazzjoni hija gawduta minn Delia, dan jista' jippermetti lill-konvenuta tokkupa l-fond tara, b'analoġija, sentenza ta' din il-Qorti, Appell Inferjuri, "Schembri vs. Marks", 21 ta' Ġunju 1950, u awtoritajiet hemm ċitati);

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra *l-attur appellant*.